MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru. 330/2002

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
JOSEPH AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Aquilina, ta’ 26 sena, bin Paul u Helen nee’ Grech, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Lulju 1975, u residenti Appartamenti Yacht Marina, Block 7, Flat 2, Telghet Gwardamangia, Pieta’, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 320075(M), u akkuzat talli fl-4 ta’ Novembru 2001, gewwa l-Pieta’, ghal habta tas-1.30pm:

(a) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg tal-konjugi Paul u Helen Aquilina, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma kienx jiskorri l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), imma izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50);

(b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 5 ta’ Marzu 1997, u mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Awla 11, moghtija nhar id-29 ta’ Lulju 1997, Awla 7 moghtija nhar it-2 ta’ Marzu 1998, Awla 12 moghtija fil-21 t’April 1998, Awla 11 moghtija nhar it-3 ta’ Gunju 1998, Awla 11 moghtija nhar is-27 t’Ottubru 1998 u mill-Magistrat Dr C.Scerri Herrera LL.D. moghtija nhar is-17 t’Ottubru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 3) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Wara li xehdu l-kwerelanti Helen Aquilina u Paul Aquilina, fejn iddikjaraw li xtaqu jirtiraw il-kwerela, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit, ai termini tal-Artikoli 203(3) u 545(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------